# Pellegrinaġġ



Mill-5 sat-12 ta' Lulju l-Arcisqof Pawlu Cremona OP mexxa pellegrinaġġ djocesan li fih ħadu sehem 168 persuna, fosthom mal-120 żgħażagħ ta' bejn il-15 u l-30 sena. Din kienet l-ewwel darba li saret inizjattiva simili fuq skala djocesana biex jinġiebu żgħażagħ fl-Art Imqaddsa. Il-Kummissarjat diġà organizza xi pellegrinaġġi għal gruppi ta' żgħażagħ fil-passat, fuq skala parrokkjali u lokali. Kienet xewqa personali ta' Monsinjur Arcisqof li norganizzaw dan il-pellegrinaġġ. L-iskop pastorali hu biex iż-żgħażagħ jidħlu f'kuntatt ħaj ma' l-Art Imqaddsa u mal-kelma ta' Alla. Kien għalhekk li l-aktar mumenti importanti fil-pellegrinaġġ kienu l-Omeliji ta' l-Arcisqof, li kienu katekeżi dwar l-Evanġelju li f'din l-Art isir tassew ħaj u attwali għal kull min jisimgħu.

# Taż-Żgħażagħ



Il-preżenza ta' tant żgħażagħ mimlijin entużjażmu hi ta' importanza kbira fl-Art Imqaddsa, fejn bosta żgħażagħ insara jkollkom jemigraw biex isibu futur aħjar għalihom. L-inizjattiva li l-Kummissarjat ħa wara s-suġġeriment ta' l-Arcisqof tidħol f'sintonija ma' l-istess xewqa tal-Papa Benedittu XVI li, meta ġie l-Art Imqaddsa, tkellem favur l-appoġġ li l-insara jistgħu jagħtu lill-Knisja lokali billi jiġu bħala pellegrini ta' paci fl-Art Imqaddsa.

Il-mumenti ewlenin tal-pellegrinaġġ kienu dawk tal-Quddies li sar fis-santwarji, l-aktar f'Nazaret, Betleħem u fil-Qabar ta' Kristu. Id-diversi gruppi ta' pellegrini, 4 b'kollox, kienu akkumpanjati minn diversi patrijiet Franġiskani esperti fl-Art Imqaddsa, kif ukoll minn sacerdoti oħrajn li jaħdmu fil-qasam tal-pastorali taż-żgħażagħ. L-animaturi

ufficjali tal-pellegrinaġġ kienu P. Twanny Chircop, Kummissarju għall-Art Imqaddsa, flimkien ma' P. Raymond Camilleri, P. Marcello Ghirlando, P. Joseph Magro, u P. Noel Muscat.
Il-preżenza ta' dawn l-animaturi ufficjali hi importanti fl-Art Imqaddsa, fejn is-servizz ta' gwida turistika, anke fil-każi ta' pellegrinaġġi insara, għandu bżonn ta' rikonoxximent ufficjali mill-Istat ta' Israel. Il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa tabilita patrijiet Franġiskani li jkunu studjaw fl-Art Imqaddsa biex imexxu pellegrinaġġi f'isimha, permezz tal-Kummissarjati mxerrdin f'diversi pajjiżi.
Ta' min iżid li l-pellegringaġġ fl-Art Imqaddsa hu issa garantit minn għajuna wkoll ta' natura diplomatika. Nhar il-Ħadd 21 ta' Ġunju, Malta fetħet ambaxxata f'Israel, f'Tel Aviv, u sede diplomatika oħra fil-Palestina, f'Ramallah. Għall-ftuħ kien hemm preżenti l-Ministru għall-Affarijiet Barranin Dr. Tonio Borg, l-ambaxxatur ta' Malta għal Israel is-Sur Abraham Borg, u r-rappreżentant ta' Malta quddiem l-Awtorità Palestinjana s-Sur Alan Bugeja. Bl-għajnuna ta' dawn is-sedi diplomatici issa hu ħafna aktar facli li l-Maltin li jiġu f'Israel jew il-Palestina jsibu













appoġġ jekk tinqala' xi ħtieġa partikulari. Sa issa dan is-servizz prezzjuż kien qed jiġi offrut mill-Konslu Onorarju is-Sur Julio Blankleder, residenti f'Tel Aviv. Fl-Art Imqaddsa hemm residenti mat-30 persuna ta' nazzjonalità Maltija, li l-maġġoranza tagħhom huma reliġjużi, fosthom bosta sorijiet minn diversi kongregazzjonijiet.

Għalkemm il-kriżi ekonomika mondjali naqqset xi ftit in-numru ta' pellegrini li qed jiġu fl-Art Imqaddsa, minn Malta jidher li n-numru ta' pellegrini għadu tajjeb. Il-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa qiegħed iġib medja ta' 8 pellegrinaġġi fis-sena, li għal pajjiż żgħir huma numru inkoraġġanti.

Dan fi żmien ta' diffikultà u kompetizzjoni minn aġenziji ta' l-ivvjaġġar li jaħdmu bi kriterji ta' professjonalità kummercjali. Aħna l-Franġiskani nibqgħu noffru l-uniku prodott li hu tagħna, b'karatteristika tipika ta' evanġelizzazzjoni u promozzjoni tal-missjoni Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa. Min ġie magħna u ra kif naħdmu apprezza li l-Art Imqaddsa mhijiex semplicement post ieħor biex wieħed iżuru, imma li hu post ta' esperjenza spiritwali intensa li biex toffriha trid tkun tafha għax għext fiha.













*ritratti Johann Galea*